# Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tieni Sena tal-Primarja

## KAP 1 - ID-DINJA SABIĦA

| L-Objettiv: | Il-Lingwa Reliġjuża | 4 lezzjonijiet |
|---|---|---|
| 1.1 | X'hemm bżonn li nagħmel? | 1.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jiddiskutu u jirrevedu l-fatt li bħala persuni mhumiex l-istess.<br>2. Jagħrfu li għandhom japprezzaw lil xulxin b' dak li għandhom u jkunu lesti li jgħinu lil xulxin.<br>3. Jagħrfu dawk il-manjieri tajbin li jgħaqqduhom flimkien. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Aħna lkoll nidhru differenti iżda lkoll sbieħ.<br>2. Aħna lkoll ħolqien t' Alla.<br>3. Mhux dejjem se naqblu flimkien iżda xorta nistgħu nkunu ħbieb.<br>4. Irridu nużaw manjieri tajbin ma' kulħadd.<br>5. Nindunaw meta għandnaa ngħidu – grazzi - sorry | |
| L-Attitudni | Bħala persuni, m'aħniex l-istess. Nifhmu lil xulxin aktar. Dan ikun possibbli jekk aħna nagħtu ċans lill-oħrajn. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 1.2 | **Is-sabiħ fija u fl-oħrajn!** | 1.2 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li kollha għandhom il-kwalitajiet tajbin.<br>2. Jitkellmu dwar it-tajjeb li għandhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Aħna lkoll għandna l-kwalitajiet sbieħ tagħna.<br>2. Ejja nsibu t-tajjeb tagħna u nużawh għall-ġid tagħna u tal-oħrajn.<br>3. Ejja nagħtu ċans lil kulħadd sabiex joħroġ it-tajjeb tiegħu u jurih. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jisimgħu lil xulxin u jagħtu ċans lill-oħrajn juru t-tajjeb tagħhom. Dan juri li huma japprezzaw u jirrispettaw lill-oħrajn. | |
| | | |
| 1.3 | **Ir-raġel li għen tassew!** | 1.3 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jiftakru fid-differenzi li jeżistu bejniethom, imma li b' danakollu xorta jistgħu jkunu ħbieb.<br>2. Jitgħallmu bid-differenzi li jeżistu barra l-komunità tagħhom ġo Malta u barra minn Malta.<br>3. Jifhmu kemm hu importanti li naċċettaw u nħobbu lil kulħadd.<br>4. Jisimgħu l-istorja tas-Samaritan it-tajjeb. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Bejnietna jeżistu d-differenzi.<br>2. Pajjiżi differenti għandhom ukoll stili ta' ħajja differenti.<br>3. Aħna għandna nħobbu u ngħinu lil kulħadd. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. Ir-raġel tal-istorja kien tassew raġel b'qalb tajba. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jifhmu li mhux kulħadd għandu l-istess bżonnijiet. Allura jridu jgħinu minn qalbhom lil min ikollu bżonn l-għajnuna tagħhom. | |
| | | |
| 1.4 | Nies li jgħinuna | |
| L-Għanijiet | **L-istudenti:**<br>1. Jidentifikaw in-nies li jħobbuhom u jgħinuhom f' ħajjithom.<br>2. Jidentifikaw xi nies f'Malta li jservu t' għajnuna biex il-pajjiż jimxi 'l quddiem.<br>3. Jifhmu kemm hu importanti li nirrispettaw lil kulħadd. | |
| Il-Kontenut | 1. Biex ikollna ħajja aħjar, għandna bżonn l-għajnuna u l-imħabba ta' bosta nies.<br>2. Anke pajjiżna għandu bżonn nies (mexxejja) sabiex jimxi 'l quddiem.<br>3. Aħna għandna napprezzaw u nirrispettaw lil kull min jgħinna. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jifhmu li kull min jgħinhom biex isiru aħjar, iridu jħobbuh u jirrispettawh. Dan iridu juruh ukoll b'dak li jagħmlu. | |
| | | |
| L-Objettiv | Id-Dimensjoni Spiritwali | 4 lezzjonijiet |
| 1.5 | Ningħaqdu flimkien u nieħdu gost! | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jiċċelebraw flimkien għax huma aħwa ta' xulxin.<br>2. Jieħdu pjaċir permezz tal-kant, mużika u tpinġija. | |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla ħalaqna differenti pero' lkoll sbieħ.<br>2. Meta ningħaqdu, noħorġu affarijiet isbaħ u nħossuna aktar ferħana.<br>3. F'ħajtu, Ġesu' wriena li jridna nħobbu lil kulħadd għax hu ħabb, għen u miet għal kulħadd. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jaħdmu flimkien ħa jkunu aktar ferħanin. | |
| | | |
| **1.6** | **Ejja ngħinu lill-oħrajn!** | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu għalfejn kulħadd għandu s-sbuħija tiegħu.<br>2. Jagħrfu jitolbu għal dawk il-persuni li ma jarawx il-ħajja sabiħa. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla ħalaqna differenti pero' lkoll sbieħ.<br>2. Alla tana l-kwalitajiet sbieħ tagħna. Ejja nużawhom sabiex ngħinu u nferrħu lil xulxin.<br>3. Ejja naraw lil Ġesu' fin-nies ta' madwarna u ngħinuhom u nħobbuhom bħalma jridna l-Missier. | |
| L-Attitudni | Mhux kulħadd jgħix ferħan. L-istudenti jaħdmu sabiex jgħinu u jferrħu aktar lil ta' madwarhom. L-istudenti jitolbu għal min hu mdejjaq. | |
| | | |
| **1.7** | **Napprezzaw u nieħdu ħsieb l-ambjent ta' madwarna!** | |
| L-Għanijiet | L-istudenti: | |

| | | |
|---|---|---|
| | 1. Permezz ta' San Franġisk jiftakru kemm għandna nħobbu lil ta' madwarna.<br>2. Japprezzaw aktar is-sbuħija ta' madwarhom. | |
| Il-Kontenut | 1. San Franġisk dejjem fittex li jħobb u jgħin lill-proxxmu tiegħu.<br>2. Bħal San Franġisk, aħna għandna dejjem inħobbu lil ta' madwarna.<br>3. L-aħjar messaġġ jitwassal lill-oħrajn permezz ta' dak li nagħmlu u mhux biss b' dak li ngħidu. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jaħsbu f'modi kif jistgħu jgħinu lill-oħrajn, speċjalment lil dawk li huma l-aktar qrib tagħhom. Jgħinu lill-oħrajn anke billi jaħdmu ħalli jġibu l-paċi. | |
| | | |
| **1.8** | **Talba sabiħa għal Malta** | **1.4** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Permezz tal-Innu Malti, jifhmu li madwarna hawn diversi kategoriji ta' nies.<br>2. Jagħrfu japprezzaw aktar lill-mexxejja ta' pajjiżna u l-irwol importanti tagħhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-Innu Malti huwa talba lil Alla.<br>2. Fih nitolbu għall-Maltin sabiex f' Malta jkollna dejjem l-għaqda u s-sliem.<br>3. L-Innu Malti nkiteb minn Dun Karm Psaila li huwa l-Poeta Nazzjonali. | |
| L-Attitudni | L-istudenti jaħdmu sabiex f'Malta jkollna aktar għaqda u mħabba bejnietna u aktar indafa. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | **4 lezzjonijiet** |

| | | |
|---|---|---|
| 1.9 | **Madwarek kollu sabiħ** | 1.5 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu l-istorja tal-ħolqien.<br>2. Jagħrfu aktar kemm Alla ħabbna meta ħalaq lilna u kulma hawn madwarna għalina. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla tant iħobbna li ħalaq kollox għalina.<br>2. Ta' dan kollu, aħna għandna ngħidu 'grazzi'.<br>3. Importanti ħafna li nuru l-apprezzament tagħna billi nieħdu ħsieb il-ħolqien. | |
| L-Attitudni | 1. Alla tant iħobbna li ħalaq kollox għalina.<br>2. Ta' dan kollu, aħna għandna ngħidu 'grazzi'.<br>3. Importanti ħafna li nuru l-apprezzament tagħna billi nieħdu ħsieb il-ħolqien. | |
| | | |
| 1.10 | **Il-fidi li ġabilna San Pawl!** | 1.6 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu kif Alla ħa ħsiebna meta permezz ta' maltempata, bagħat lil San Pawl fostna.<br>2. Permezz tal-istorja mill-Vanġelu, jifhmu għalfejn il-miġja ta' San Pawl kienet tant importanti għall-Maltin.<br>3. Jitgħallmu li San Pawl ġab il-fidi f'Malta. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. San Pawl ġab il-fidi Nisranija f' Malta.<br>2. Sakemm dam f'Malta, San Pawl għamel bosta mirakli u laħħaq lil Publiju bħala l-ewwel Isqof ta' Malta.<br>3. Il-festa liturġika ta' San Pawl tiġi ċċelebrata fl-10 ta' Frar. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | San Pawl huwa importanti ħafna għalina għax għenna nsiru nafu dwar Alla u kattar l-imħabba għal Ġesu'. L-istudenti jagħrfu kemm konna nies ixxurtjati u maħbubin minn Alla li għażel lilna biex ikollna din il-ġrajja.<br>L-istudenti jifhmu kemm għandna nkunu kburin li gżira żgħira bħal Malta hija msemmija fil-Vanġelu! | |
| | | |
| **1.11** | **Meta nħobbu nkunu bil-għaqal tassew!** | **1.7** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Permezz tal-case studies, jifhmu aħjar kif jistgħu jieħdu ħsieb l-ambjent – il-postijiet kif ukoll lin-nies.<br>2. Jagħrfu aktar is-sbuħija u l-importanza ta' ambjent nadif.<br>3. Jifhmu li l-indafa tiġi mill-ħbiberija, mill-qadi u mir-rispett. | |
| Il-Kontenut | 1. L-ambjent huwa rigal mingħand Alla.<br>2. Għandna nieħdu ħsiebu u naraw li ma nħallux periklu għal nies oħra. | |
| L-Attitudni | It-tfal jifhmu li għandhom jirrispettaw lil kulħadd dejjem mhux meta għandhom aptit biss. Jibżgħu għall-ambjent għax dan hu rigal mingħand Alla. Jitgħallmu aktar li m'għandhomx u ma jagħmlux ħsara. Jagħmlu li jistgħu biex jibżgħu wkoll għal ħaddieħor billi ma jħallux periklu | |
| | | |
| **1.12** | **Ilkoll flimkien niffurmaw l-ambjent!** | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu li l-ambjent huwa magħmul minn fatturi naturali, bini u fatturi umani u soċjali. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Jifhmu aktar kif l-ambjent huwa rigal t' Alla. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-ambjent huwa magħmul minn fatturi naturali, bini u fatturi umani u soċjali.<br>2. L-ambjent huwa rigal t'Alla għalina. | |
| L-Attitudni | L-ambjent huwa rigal mingħand Alla. L-istudenti, għax jafu kemm Alla jħobbhom, japprezzaw aktar dak li tahom. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | **2 lezzjonijiet** |
| **1.13** | **Kemm huma sbieħ l-istaġuni!** | **1.8** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu li s-sena maqsuma f'erba' staġuni.<br>2. Jitgħallmu liema huma l-istaġuni u jifhmu wkoll għaliex huma importanti.<br>3. Jifhmu kemm aħna apprezzati minn Alla billi tana dak kollu li neħtieġu. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla tant iħobbna li ħasbilna għal kollox. Qasmilna s-sena f' erba' staġuni sabiex dejjem insibu dak li neħtieġu.<br>2. Ta' dan kollu, aħna għandna ngħidu grazzi. | |
| L-Attitudni | Kull staġun jgħinna sabiex ikollna ħajja aħjar billi nsibu dak li neħtieġu. L-istudenti japprezzaw l-istaġuni u japprezzaw ukoll il-ġurnata kif tkun u ma ngergrux jekk it-temp ma jkunx kif xtaqnieh aħna. Kull temp huwa bżonnjuż! | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 1.14 | Nifirħu bl-istaġuni! | |
| L-Għanijiet | 1. Jiftakru liema huma l-erba' staġuni u jifhmu li t-temp ikun differenti f' kull staġun.<br>2. Waqt il-logħob jieħdu gost filwaqt li jkomplu jżidu l-kreattività tagħhom u jitgħallmu aktar dwar l-istaġuni. | |
| Il-Kontenut | 1. Alla tant iħobbna li ħasbilna għal kollox. Qasmilna s-sena f' erba' staġuni sabiex dejjem insibu dak li neħtieġu.<br>2. Ta' dan kollu, aħna għandna ngħidu grazzi. | |
| L-Attitudni | Waqt li jieħdu gost ikantaw u jilagħbu, jaraw fil-verita' kemm huma xxurtjati b' dak li għandhom. | |
| | | |
| **Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tieni Sena tal-Primarja** | | |
| | | |
| **KAP 2 – IL-ĦBIEB IĦOBBUNA** | | |
| **L-Objettiv:** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | **4 lezzjonijiet** |
| **2.1 – 2.2** | **Il-ħbieb veri** | **2.1** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li aktar kemm jikbru aktar iċ-ċirku tal-ħbieb ħa jikber.<br>2. Jifhmu l-importanza tal-imġiba tajba ma' kulħadd. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Jikkonsolidaw kif għandhom igibu ruħhom mal-ħbieb. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Dak li nixtiequ li ħaddiehor jagħmel lilna aħna nagħmluh lil ħaddieħor.<br>2. Nuru rispett lejn kulħadd. | |
| L-Attitudni | 1. Dak li nixtiequ li ħaddiehor jagħmel lilna aħna nagħmluh lil ħaddiehor.<br>2. Nuru rispett lejn kulħadd. | |
| | | |
| 2.3 | Nagħżlu ħbieb tajbin | 2.2 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu min huma tassew il-ħbieb tajbin u liema huma dawk ħżiena. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jtigħallmu dan:<br>1. Nagħżlu ħbieb li jgħinuna nagħmlu affarijiet tajba.<br>2. Nevitaw il-ħbieb li ma jgħallmuniex affarijiet tajba.<br>3. Nitgħallmu nagħżlu dak li huwa ta' ġid għalina. | |
| L-Attitudni | It-tfal jifhmu li għalkemm għadhom żgħar, iridu joqogħdu attenti li jagħżlu sew u jkollhom ħbieb tajbin. | |
| | | |
| 2.4 | Ġesù huwa għalliem importanti | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu kif kull bniedem għandu bżonn għalliema tajbin biex isir aħjar. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Jagħrfu kif Ġesù kien jitratta man-nies. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù huwa l-għalliem li jimliena bid-dawl tat-tagħlim tiegħu. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal jippruvaw jaraw kif ser iħobbu lil dawk ta' madwarhom bħal Ġesù, billi jgħinuhom ikunu aħjar. Dan iwassal biex anke huma jsibu min jgħinhom ikunu aħjar. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | **4 lezzjonijiet** |
| **2.5** | **Il-ħbieb kbar tagħna** | **2.3** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jiġu konxji ta' ħbieb kbar: il-ġenituri, l-għalliema, il-katekisti li qed jgħinuhom isiru aħjar.<br>2. Jifhmu kif għandha tkun l-imġiba tagħhom ma' dawn in-nies. | |
| **Il-Kontenut** | l-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-ġenituri, l-għalliema u l-katekisti huma ħbieb kbar u jridu jgħinuna.<br>2. Importanti li nifthu qalbna magħhom meta jkun hemm xi ħaġa tinkwetana.<br>3. Lill-ġenituri, lill-għalliema u lill-katekisti rridu nuruhom rispett billi nħobbuhom u ngħinuhom. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal juru rispett lejn il-ħbieb kbar tagħhom li huma l-ġenituri u l-għalliema tagħhom, fost nies oħra u dawn jixtiqulhom li jkunu kuntenti u mhux inkwetati. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 2.6 | Raw lil Ġeú u ġrew għal ħdejh | 2.4 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jiċċelebraw u jilqgħu lil Ġesù bħala l-akbar ħabib tagħhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù huwa l-akbar ħabib tagħna u jixtieqna nkunu ferħana. | |
| L-Attitudni | It-tfal ikabbru fihom imħabba lejn Ġesù għax hu l-akbar ħabib tagħhom u jħobbhom ilkoll. | |
| | | |
| 2.7 | Ġesù u l-ħbieb l-oħrajn | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu l-fatt li Ġesú huwa ħabib ukoll.<br>2. Jifhmu għalfejn ngħidu li Ġesù huwa l-akbar ħabib tagħna. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù huwa l-akbar ħabib tagħna u jħobbna ħafna.<br>2. Ġesù ġie fid-dinja biex jgħallimna fuq Alla.<br>3. Ġesù miet għalina biex isalvana. | |
| L-Attitudni | It-tfal, bl-għajnuna tal-ġenituri u l-għalliema jisimgħu fuq Ġesù ħalli jsiru jafuh aħjar. | |
| | | |
| 2.8 | Nieħdu pjaċir flimkien | 2.5 |

| | | |
|---|---|---|
| L-Għanijiet | L-istudent;<br>1. Jifhmu l-ferħ ta' meta nkunu ma' nies li jħobbuna.<br>2. Jagħrfu kemm iħobbna Ġesù.<br>3. Jitgħallmu sentenza li kien jgħid Ġesù fejn naraw l-imħabba tiegħu. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù għallimna li għandna nħobbu lil xulxin kif iħobbna Hu.<br>2. Meta nkunu qalbna tajba u nħobbu lil kulħadd inkunu qed nagħmlu kif għallimna u għamel Ġesù.<br>3. Meta nirrispettaw inkunu qed inħobbu tassew. | |
| L-Attitudni | Ġesù ħabbna tassew. It-tfal jagħrfu li l-imħabba jridu juruha bl-azzjonijiet tagħhom. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | **4 lezzjonijiet** |
| **2.9 – 2.10** | **Inħobbu lil Alla** | **2.6** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu x'inhu salm.<br>2. Jifhmu permezz tas-salm li Alla jħobbna tassew.<br>3. Japprezzaw Salm 27 – nistrieħu f'Alla li bagħtilna lil Ġesù.<br>4. Jiddiskutu mis-salm x'jistgħu jieħdu għall-ħajja tagħhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Aħna nafu li Alla qiegħed magħna u m'għandniex minn xiex nibżgħu.<br>2. Alla jixtieq li aħna nkunu ħbieb ma' kulħadd u kullimkien. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| L-Attitudni | It-tfal jitolbu lil Alla dak li jħossu u jħossuhom li jistgħu jafdaw għax iħobbhom.<br>Jgħinu aktar lill-oħrajn u jkunu vera hbieb! | |
| | | |
| 2.11 – 2.12 | Ġesù kien tifel bħalna! | 2.7 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li Ġesù kien tifel bħalna.<br>2. Japprezzaw kif kien iġib ruħu meta kien żgħir. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù kien tifel bħalna.<br>2. Ġesù kien jobdi lil Marija u lil Ġużeppi. | |
| L-Attitudni | It-tfal jgħidu kif huma diġa' jobdu bħal Ġesù. It-tfal jaħsbu kif ser jobdu aktar bħal Ġesù. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika | 2 lezzjonijiet |
| 2.13 | Ġesù meta kiber | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu x'għamel Ġesù meta kiber.<br>2. Jitgħallmu kif għallem – ix-xhieda li taha – ma' min kien jagħmliha. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Kull fejn kien ikun Ġesù dejjem għallem li għandna nħobbu lil Alla u lil xulxin. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | It-tfal kemm hu importanti li lil min iħobbu juru li jħobbuh tassew. | |
| | | |
| 2.14 | Meta ma nħobbx irrid nitlob maħfra | 2.8 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu xi tfisser tħobb.<br>2. Jiċċelebraw fil-ferħ ir-rebħa tagħhom meta jaħfru. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla jixtieqna dejjem qrib tiegħu.<br>2. Is-Sagrament tal-Qrar jew tar-Rikonċiljazzjoni jerġa' jagħmlina ħbieb m'Alla. | |
| L-Attitudni | It-tfal jitolbu maħfra lil Alla biex nerġgħu jsiru ħbieb tiegħu. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tieni Sena tal-Primarja** | | |
| | | |
| **KAP 3 – IL-QALB TAJBA** | | |
| L-Objettiv: | Il-Lingwa Reliġjuża | 4 lezzjonijiet |
| 3.1 | Nagħżel it-tajjeb | 3.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li mhux kulma jidher tajjeb hu verament tajjeb. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Jaħsbu ftit f'affarijiet li tajjeb li jagħmluhom għax huma affarijiet tajbin.<br>3. Jaħsbu wkoll f'affarijiet li jaħsbu li huma ħżiena allura żgur ma jagħmluhomx. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Nagħżlu bejn dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin.<br>2. Nagħrfu li meta nagħmlu dak li hu tajjeb inkunu nagħmlu l-ġid lill-oħrajn u lilna nfusna. | |
| **L-Attitudni** | 1. It-tfal jifhmu li dak li hemm bżonn li jagħmlu llum u jagħmluh.<br>2. Importanti li qabel jużaw xi affarijiet tal-oħrajn jieħdu l-permess mingħandhom. | |
| | | |
| **3.2/3.3** | **Ngħinu lil xulxin** | **3.2** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li, li tgħin lil ħaddieħor hija ħaġa tajba ħafna<br>2. Jirrealizzaw li meta jgħinu lil xulxin isiru ferħanin huma wkoll. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Aħna għandna bżonn lil xulxin.<br>2. Kemm tħossok ferħan meta tgħin lil xi ħadd!<br>3. Kemm tħossok ferħan meta xi ħadd jgħin lilek!<br>4. Meta ngħinu lil xulxin inkunu qegħdin nagħmlu ħbieb ġodda. | |
| **L-Attitudni** | L-istudenti jifhmu li kuljum hemm bżonn li jgħinu lill-oħrajn – m'hemmx matul il-ġimgħa, jew il-Ħadd. | |
| | | |
| **3.4** | **X'nagħmel biex nuri li nħobb?** | **3.3** |

| | | |
|---|---|---|
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li Alla ħalaq ħafna affarijiet għalina.<br>2. Jirrealizzaw li Alla jħobbna u qatt ma jħallina waħedna.<br>3. Jiddiskutu x'għandhom jagħmlu biex iħobbu tassew. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla jħobbna ħafna.<br>2. Alla għamel kollox għalina.<br>3. Aħna għandna nħossu l-preżenza ta' Alla għax Alla jinsab kullimkien.<br>4. Hu jħobbna permezz tan-nies ta' madwarna.<br>5. Inħobbu tassew meta nġibu rispett u mhux ngħajru. | |
| L-Attitudni | It-tfal juru li japprezzaw dak li dawk li huma madwarhom u jħobbuhom, jagħmlu għalihom. Alla jurihom li jħobbhom permezz ta' dawn in-nies kollha. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | **5 lezzjonijiet** |
| **3.5** | **Nerġgħu lura għand il-Missier** | **3.4** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu tajjeb il-parabbola tal-Iben il-Ħali.<br>2. Jirrealizzaw ix-xebh bejn il- karattri tal-istorja, Alla u l-bnedmin. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta nagħmlu l-ħażin għandna nitolbu skuża lil min għamilna l-ħażin.<br>2. Għandna nitolbu maħfra lil Alla.<br>3. Alla żgur jaħrilna, inkunu għamilna x'għamilna, l-aqwa li jiddispjaċina u nippruvaw ma nagħmlux hekk darba oħra. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| **L-Attitudni** | It-tfal ikollhom sens ta' komunità billi jaħdmu flimkien, iħossu li jħobbu lil xulxin, avolja dan jista' jkun li jkun ifisser li jbatu, għax ikunu jridu jaħfru lil xulxin. | |
| | | |
| **3.6** | **Kif ngħinu?** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu kif jistgħu jgħinu b'modi differenti.<br>2. Jifhmu li meta ma jkunux jistgħu jgħinu lil xi ħadd, għandhom xorta waħda jitolbu għalih/a. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Hemm diversi tipi ta' għajnuna.<br>2. Fejn ma nistgħux ngħinu għandna nitolbu għall-għajnuna ta' Alla. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal ikollhom sens li jkunu lesti li jgħinu kif jaraw il-bżonn. Li tgħin ifisser li tagħti l-ħin, tisma', u anke li tagħti flus għall-karità. | |
| | | |
| **3.7** | **Ġesù kien jitlob** | **3.5** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li aħna għandna bżonn l-għajnuna ta' Alla.<br>2. Jifhmu li anke Ġesù kien iħoss il-bżonn li jitlob. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan: | |

| | | |
|---|---|---|
| | 1. Meta jindunaw li hemm xi ħaġa diffiċli għalihom, għandhom jitolbu lin-nies li jħobbuhom biex jgħinuhom.<br>2. Anke Ġesù kien jitlob lil Alla Missieru f'waqtiet diffiċli! Kemm aktar għandna aħna għax nitolbu li Missierna.<br>3. Għandhom jitolbu biex liil Alla jgħidulu b'dak li għandhom bżonn u wara ma jinsewx jirringrazzjawh u jgħidulu 'grazzi'. | |
| L-Attitudni | 1. L-istudenti jagħmlu ħilithom biex kuljum isibu ftit ħin biex jitolbu.<br>2. Jitgħallmu wkoll iroddu s-salib sew. | |
| | | |
| 3.8 – 3.9 | L-Att tal-Indiema | 3.6 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jkomplu jagħrfu li għandhom bżonn jitolbu.<br>2. Jagħrfu li jridu jitolbu għal nies differenti.<br>3. Jitghallmu l-Att tal-Indiema. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Tajjeb li nitolbu kuljum.<br>2. Tajjeb li nitolbu għan-nies differenti u mhux biex nieħdu l-affarijiet aħna biss. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal irabbu fihom ix-xewqa li jgħinu dejjem.<br>2. Juru li huma dejjem lesti li jgħinu kemm u kif jistgħu, ta' tfal li huma.<br>3. Juru li jgħinu lil xulxin anke meta jitolbu. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Kelma t'Alla | 3 lezzjonijiet |

| | | |
|---|---|---|
| 3.10 | **Għaliex Ġesù ġie fid-dinja** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jifhmu għaliex Alla l-Missier bagħat lil Ġesù fid-dinja.<br>2. Jitgħallmu li Ġesù ġie fid-dinja biex juri lin-nies li Hu kien l-Iben ta' Alla l-Missier. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex kulħadd ikun jista' jmur il-ġenna.<br>2. Ġesù dejjem obda lil Alla Missieru billi dejjem għamel dak li kien hemm bżonn. | |
| **L-Attitudni** | 1. It-tfal japprezzaw li Alla jħobbhom ħafna.<br>2. It-tfal juru li huma wkoll kapaċi jħobbu lil xulxin, għax Alla lilhom iħobbhom ħafna. | |
| | | |
| 3.11 | **Tista' tagħtini ftit ilma?** | 3.7 |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jaraw kif Ġesù kien ikellem lil kulħadd.<br>2. Jagħrfu li kien jaħfer li kulħadd.<br>3. Jindunaw li trid titgħallem mill-iżbali li tagħmel. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Jridu jkunu ħbieb ma' kulħadd anke ma' nies li forsi huma differenti minnhom, bħalma huma r-refuġjati.<br>2. Jridu jfittxu li jagħmlu dak li hu tajjeb, avolja xi kultant ma jagħmlux dak li hu tajjeb. | |
| **L-Attitudni** | 1. It-tfal jaħdmu biex ikunu ħbieb ma' kulħadd.<br>2. It-tfal jibdew juru li l-iżbalji li jagħmlu, jibdew jitgħallmu minnhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 3.12 | Meta l-ħabib ikun ma jiflaħx | 3.8 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu li Ġesù kien iħenn għal kulħadd.<br>2. Jifhmu li m'għandhomx ipoġġu lilhom infushom fil-periklu iżda għandhom jagħmlu dik ix-xi ħaġa żgħira li biha xorta jgħinu lil ħaddieħor. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Aħna rridu ngħinu lill-morda iżda mhux inpoġġu lilna nfusna fil-periklu.<br>2. Jekk ma nistgħux ngħinuhom nitolbu għalihom. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal juru li jħobbu anke jekk ikun hemm xi ħadd differenti jew marid.<br>2. It-tfal jgħinu anke billi jitolbu. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika | 2 lezzjonijiet |
| 3.13 | Ġesù ma' nies differenti | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. It-tfal jindunaw kif Ġesù kien iġib ruħu differenti ma' nies differenti.<br>2. It-tfal jindunaw li għalkemm irridu nħobbu lil kulħadd jekk ikun hemm xi tfal li ma jġibux ruħhom sew, irridu naħarbuhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù kien iġib ruħu differenti ma' nies differenti. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Aħna wkoll irridu nġibu ruħna differenti ma' nies differenti. Xorta rridu nħobbu lil kulħadd. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal juru li jħobbu lil xulxin bil-verità.<br>2. It-tfal jagħrfu li ma' nies li jħobbu l-ħażin u jagħżlu l-ħażin iridu jkunu kapaċi jgħidu 'le' u 'daqshekk'. | |
| | | |
| **3.14** | **Nitgħallmu mill-iżbalji** | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. It-tfal jifhmu li kulħadd jagħmel żbalji.<br>2. Jirrealizzaw li l-iżbalji jibqgħu żbalji jekk ma titgħallimx minnhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Għandna nobdu min-nies li jħobbuna u mhux min-nies li ma nafuhomx.<br>2. Meta nagħmlu żball għandna nitgħallmu minnu. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal irabbu fihom sens li jobdulil min jixtiqilhom il-ġid.<br>2. It-tfal jitgħallmu li anke l-iżbalji tagħna nistgħu nitgħallmu minnhom. | |
| | | |

# KAP 4 – NILQGĦU LILL-AQWA ĦABIB

| | | |
|---|---|---|
| L-Objettiv: | Il-Lingwa Reliġjuża | 3 lezzjonijiet |
| 4.1 | Insiru nafu aktar lil xulxin | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu dwar modi differenti ta' kif jistgħu jsiru jafu aktar lil xulxin.<br>2. Jitgħallmu f'liema ambjenti jistgħu jsiru jafu aktar lil xulxin.<br>3. Jagħrfu aktar kif l-ikliet u l-okkazzjonijiet jgħinuna nsiru nafu aktar lil xulxin.<br>4. Ikantaw diska fejn ser japprezzaw li aktar kemm isiru jafu lil xulxin, aktar jieħdu gost flimkien u jkunu ferħanin. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Insiru nafu aktar lil xulxin billi nitkellmu flimkien, nilagħbu flimkien, naħdmu flimkien u ngħinu lil xulxin.<br>2. L-ikliet u l-festini jgħinuna nsiru nafu aktar lil xulxin. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal juru li jieħdu gost ma' xulxin. Japprezzaw li flimkien ikunu ferħanin.<br>2. It-tfal juru li meta joqogħdu ma' sħabhom u jisimgħu lil xulxin, isiru jafu lil xulxin aħjar. | |
| | | |
| 4.2 | It-talb bħala tifħir | 4.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu kif bit-talb ser insiru nafu aktar lil Ġesù.<br>2. Jitgħallmu modi differenti ta' kif jitolbu.<br>3. Jitgħallmu li waqt it-talb ikunu qed jikkomunikaw ma' Alla.<br>4. Jitgħallmu raġunijiet differenti għaliex nitolbu. | |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. It-talb jgħinna nsiru nafu aktar lil Ġesù.<br>2. It-talb jgħinna nitkellmu ma' Ġesù.<br>3. Għandna nitolbu kuljum f'ħinijiet differenti tal-ġurnata biex nirringrazzjaw lil Ġesù. | |
| L-Attitudni | 1. Nitolbu u nirringrazzjaw lil Alla kuljum.<br>2. Nitolbu u nirringrazzjaw lil Alla minn qalbna.<br>3. Nitolbu sewwa għax qed nitkellmu ma' Alla. | |
| | | |
| 4.3 | Ċelebrazzjoni – 'Grazzi' | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jiftakru fl-istorja tal-għaxar imġiddmin.<br>2. Jitgħallmu kemm huwa importanti li nirringrazzjaw lil Ġesú.<br>3. Jiktbu talba biex jirringrazzjaw lil Alla.<br>4. Ikantaw id-diska 'Grazzi' sabiex jirringrazzjaw lil Alla: http://www.youtube.com/watch?v=674MqVS6f6M | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Għandna dejjem nirringrazzjaw lil Ġesù ta' dak kollu li jagħmel għalina.<br>2. Il-Bibbja tgħallimna li għandna dejjem nirringrazzjaw lil Ġesù f'kull sitwazzjoni. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal ikollhom sens ta' ringrazzjament lejn Ġesù tal-affarijiet tajbin li għandhom. Jersqu lejh biex jitolbuh biex itejbu l-affarijiet negattivi.<br>2. Japprezzaw li Ġesù jieħu gost meta ngħidulu 'Grazzi'. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Jifhmu, bil-mod tagħhom, kemm huwa importanti li jgħidu dejjem 'grazzi' lil kulħadd sabiex juru apprezzament. | |
| | | |
| L-Objettiv | Id-Dimensjoni Spiritwali | 3 lezzjonijiet |
| 4.4 | Meta u kif għandna nitolbu? | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu meta għandhom jitolbu.<br>2. jifhmu li jistgħu jitkellmu ma' Ġesú f'kull ħin u f'kull sitwazzjoni.<br>3. Jifhmu kif għandhom jitolbu. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Għandna dejjem nitolbu daqslikieku qed jitkellmu ma' Alla, minn qalbhom u miġbura fil-kwiet.<br>2. Ġesù dejjem jisma' dak li nkunu qed nitolbuh.<br>3. Għandna nitolbu kull ħin matul il-ġurnata, weħidna jew mal-familjari tagħna. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal jiftakru spiss fil-Mulej spiss matul il-ħin tal-ġurnata speċjalment qabel ma jibdew ix-xogħol tagħhom.<br>2. Japprezzaw kemm hi ħaġa sabiħa li jirringrazzjaw lill-Mulej qabel jibdew jieklu.<br>3. Japprezzaw kemm hi ħaġa sabiħa li jfaħħru lil All għall-ġid li jipprovdilhom. | |
| | | |
| 4.5 | L-importanza tat-talb | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jifhmu l-importanza tat-talb. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. jisimgħu l-parabbola tal-ħabib f'nofs ta' lejl (Luqa 11).<br>3. jitgħallmu li qatt m'għandhom jaqtgħu qalbhom mit-talb.<br>4. jibdew jiffamiljarizzaw ruħhom mat-talb tal-quddiesa.<br>5. jitgħallmu t-talba tal-Missierna. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Għandna dejjem nitolbu minn qalbna mingħajr ma naqtgħu qalbna.<br>2. Il-Mulej jisma' talbna u jagħtina dak li nixtiequ.<br>3. Il-Mulej jixtiqilna l-ġid u jgħid 'iva' għat-talb tagħna jekk veru jkun jixraqilna u jkun ta' ġid tagħna. | |
| **L-Attitudni** | 1. It-tfal ikollhom sens ta' talb lill-Mulej u jibqgħu jippersistu fuq dak li jixtiequ.<br>2. It-tfal jibqgħu jitolbu minn qalbhom mingħajr ma jaqtgħu qalbhom.<br>3. It-tfal japprezzaw kemm hu sabiħ li juru lill-Mulej li huma qed jitolbu bis-serjetà' u li veru jixtiequ dak li jkunu qed jitolbu. | |
| | | |
| **4.6** | **Ħafna popli differenti … imma lkoll jitolbu** | **4.2** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu postijiet ta' talb differenti ta' reliġjonijiet differenti.<br>2. Jitgħallmu li kollha qed jitolbu biex jirringrazzjaw lil Alla.<br>3. Jitgħallmu li għandhom jirrispettaw lil xulxin minkejja li jitolbu f'post u b'manjiera differenti minnhom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Nies ta' reliġjonijiet differenti, jitolbu ġo postijiet differenti u b'modi differenti.<br>2. Nitolbu biex infaħħru u nirringrazzjaw lil Alla. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Għandna nirrispettaw lil xulxin minkejja li għandna reliġjon differenti. | |
| L-Attitudni | It-tfal jirrealizzaw kemm hu sabiħ li tikkomunika m'Alla imma mhux kulħadd jitlob bl-istess mod. It-tfal ikollhom rispett lejn min ma jitlobx bħalhom. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | **6 lezzjonijiet** |
| **4.7/4.8** | **Ġesù jżur lil Marta u Marija** | **4.3** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jisimgħu u jaraw l-istorja ta' Marta u Marija.<br>2. jitgħallmu kif Marta kienet mara li taħdem ħafna u Marija kienet tagħti importanza lill-kliem ta' Ġesù.<br>3. jifhmu l-importanza li nqattgħu ftit ħin nitkellmu ma' Ġesù permezz tat-talb. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Għandna dejjem nsibu ħin biex nitkellmu ma' Ġesù sabiex inkunu qrib tiegħu.<br>2. Ġesù jridna li nqattgħu aktar ħin nitkellmu miegħu.<br>3. Li nitolbu u nitkellmu ma' Ġesù huwa aktar importanti minn affarijiet oħra. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal jiftakru fil-Mulej spiss matul il-ħin tal-ġurnata.<br>2. It-tfal jrabbu fihom drawwa sabiħa ħafna li jitkellmu aktar ma' Ġesù mhux biss meta jkunu nkwetati jew imbeżżgħin imma anke met ajħossuhom tajbin u ferħanin. | |
| | | |
| **4.9** | **Nagħmlu  dak li hu tajjeb** | **4.4** |
| L-Għanijiet | L-istudenti: | |

| | | |
|---|---|---|
| | 1. Jiddiskutu l-mod ta' kif ġab ruħu Ġesù fl-istorja ta' Marta u Marija.<br>2. Jagħrfu l-messaġġ wara l-kliem ta' Ġesù.<br>3. Jagħrfu jagħmlu l-għażliet it-tajba bħal Marija f'sitwazzjonijiet differenti. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Għandna dejjem niftakru biex inpoġġu lil Ġesù bħala prijorità f'ħajjitna.<br>2. Għandna dejjem nagħmlu għażliet tajbin u dawk li jixtieqna Alla.<br>3. Bħal Marija għandna dejjem nagħmlu għażliet tajbin u npoġġu lil Alla l-ewwel u qabel kollox. | |
| **L-Attitudni** | 1. It-tfal jifhmu kemm hu sabiħ li jagħmlu għażliet tajbin sabiex iħossuhom aktar qrib il-Mulej u jixbħuh.<br>2. It-tfal jaħdmu biex lill-Mulej jagħtuh importanza kbira f'ħajjithom (prijorità) u jirringrazzjawh tal-ġid kollu li jipprovdilhom. | |
| | | |
| **4.10** | **Il-laqgħa tiegħi ma' Ġesù** | **4.5** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jagħrfu l-aktar talb importanti tal-quddiesa.<br>2. Jitgħallmu t-talba ta' qabel it-tqarbin.<br>3. Jisimgħu l-istorja ta' kif ġiet din it-talba. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Bħaċ-ċenturjun, għandu jkollna fidi kbira f'Alla.<br>2. It-talba ta' qabel it-tqarbin hija talba importanti fejn aħna nuru lil Alla li nemmnu fih għax huwa jista' kollox. Iċ-Ċenturjun kien wera li jemmen ħafna f'Ġesù. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | 1. It-tfal juru li Alla hu ħabib tagħhom u li jafdewh  għax huwa kbir u tajjeb u jista' kollox.<br>2. It-tfal juru attitudni ta' prudenza u edukazzjoni meta jitolbu dak li jkollhom bżonn, kif għamel iċ-Ċenturjun. | |
| | | |
| **4.11** | **Glorja lil Alla** | **4.6** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jisimgħu u jaraw it-talba tal-Glorja.<br>2. Jifhmu x'qed tgħid din it-talba.<br>3. Jismgħu l-istorja ta' kif ġiet din it-talba. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-Glorja huwa innu ta' tifħir lil Alla.<br>2. Fl-innu tal-Glorja infaħħru lit-Trinità Qaddisa: Alla, Kristu u l-Ispirtu s-Santu.<br>3. Aħna ngħidu din it-talba speċjali kull nhar ta' Ħadd waqt il-quddiesa. | |
| L-Attitudni | 1. It-tfal juru ħeġġa li jkantaw l-Innu tal-Glorja mill-qalb għax hija talba speċjali fejn ifaħħru lit-Trinità Qaddisa.<br>2. It-tfal juru li japprezzaw dak li Alla jipprovdilhom. | |
| | | |
| **4.12** | **Ġesù jimxi fuq l-ilma - Kraft** | **4.7** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jisimgħu l-istorja ta' Ġesù miexi fuq l-ilma.<br>2. Jifhmu l-qawwa li għandu Ġesù.<br>3. Jagħrfu kif għandhom iġibu ruħhom dawk li jħobbu lil Ġesù. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. Jifhmu li Ġesù dejjem jipproteġina u għandna dejjem nafdaw fih. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Għandna dejjem nitolbu u nafdaw lil Alla.<br>2. Għandna dejjem nafdaw fil-qawwa li għandu Ġesù. | |
| L-Attitudni | ▪ It-tfal juru li jemmnu f'Ġesù għax kapaċi jagħtihom dak li hu ta' ġid għalihom. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | **2 lezzjonijiet** |
| **4.13 – 4.14** | **Nersqu lejn xulxin bit-talb** | **4.8** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jisimgħu l-istorja dwar meta l-anġli dehru lil San Ġużepp.<br>2. Jifhmu li l-anġlu kustodju qiegħed magħna biex jipproteġina.<br>3. Jitgħallmu t-talba tal-anġlu.<br>4. Jifhmu l-mod ta' kif it-talb jgħinna nersqu lejn xulxin.<br>5. Jagħrfu dawk il-persuni li huma ta' għajnuna għalihom.<br>6. Jiftakru f'dawk il-persuni li tajjeb nitolbu għalihom għax kienu ta' għajnuna matul is-sena. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta nitolbu għal xulxin inkunu qed nersqu aktar qrib xulxin.<br>2. Meta noffru t-talb tagħna lil Alla, irridu nżommu f'moħħna għal min ikunu qed nitolbu.<br>3. Aħna mdawrin b'ħafna nies li jixtiqulna l-ġid. Dawn qishom l-anġli tagħna li qed iwasslulna l-messaġġ ta' Alla. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | 1. It-tfal juru apprezzament għal dawk il-persuni li jgħinuhom u huma ta' servizz għalihom.<br>2. It-tfal juru u jesprimu ruħhom li jemmnu li Ġesù kapaċi jagħtihom dak li hu ta' ġid għalihom. | |
| | | |

| Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tieni Sena tal-Primarja | | |
|---|---|---|
| | | |
| **KAP 5 – ĠESÙ JITWIELED BĦALNA** | | |
| **L-Objettiv:** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | **2 lezzjonijiet** |
| **5.1** | **Qed nistennew tarbija!** | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>a) Jiftakru x'isir bi tħejjija għal meta tkun ġejja tarbija ġdida fil-familja.<br>b) Jimmaġinaw u jifhmu l-ferħ li joħroġ minn dawn il-ġrajjiet. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. It-twelid ta' tarbija jġib miegħu ferħ kbir.<br>2. It-twelid ta' Ġesù tarbija ġab miegħu ferħ ferm akbar.<br>3. It-twelid ta' tarbija jeħtieġ ħafna tħejjija minn qabel. | |
| L-Attitudni | It-tfal jippreparaw ruħhom flimkien għat-twelid ta' Ġesù biex din tkun għalihom okkażjoni ta' ferħ. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| 5.2 | **Il-Milied iġib miegħu ħafna ferħ.** | 5.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu x'ikun sar fil-lezzjoni ta' qabel dwar il-ferħ fit-twelid ta' tarbija;<br>2. Jifhmu kif Marija laqgħet l-aħbar tal-miġja ta' Ġesù;<br>3. Jaħsbu kif huma għandhom jippreparaw għall-miġja ta' Ġesù;<br>4. Jagħrfu li għandhom jaħsbu fl-oħrajn. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù kuljum qed iħabbat il-bieb ta' qalbna.<br>2. Aħna bħal Marija irridu ngħidulu 'iva' u naċċettawh f'ħajjitna; fid-dar, l-iskola u kull fejn inkunu.<br>3. Iċ-ċentru tal-festa tal-Milied huwa Ġesù. Hu għalhekk importanti li fit-tħejjijiet tagħna ninkludu lilu. | |
| L-Attitudni | It-tfal jgħidu 'iva' lil Ġesù u meta jippreparaw ruħhom għall-Milied jinkludu lil Ġesù. Dan jagħmluh anke fiċ-ċelebrazzjonijiet. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | **3 lezzjonijiet** |
| 5.3 | **Kellhom iħallu darhom** | 5.2 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>It-tfal:<br>1. Jisimgħu dwar l-emozzjonijiet li setgħu ħassew Ġużeppi u Marija hekk kif wasal biex jitwieled Ġesù.<br>2. Jiġu konxji tat-tbatija li għaddew minna Ġużeppi u Marija sakemm twieled Ġesù. | |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù, Marija u Ġużeppi huma l-iktar nies importanti f'din il-ġrajja.<br>2. Għalkemm il-Milied hija festa ta' ferħ, sakemm twieled il-Bambin, Marija u Ġużeppi għaddew minn mumenti ta' dwejjaq ukoll. | |
| L-Attitudni | Flok il-kesħa tal-għar dan il-Milied, lil Ġesù, it-tfal joffru s-sħana ta' qalbhom biex jitwieled fiha. | |
| 5.4 | L-Avvent | 5.3 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu xi jfisser l-Avvent.<br>2. Jitgħallmu li huwa żmien ta' preparazzjoni għall-Milied.<br>3. Jiġu konxji tas-sinifikat tal-girlanda. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-kelma 'Avvent' tfisser miġja.<br>2. Fil-knisja tintrama girlanda b'erba xemgħat.<br>3. Ma' kull xemgħa li tinxtegħel inkunu qed noqorbu lejn il-festa tat-twelid ta' Ġesù. | |
| L-Attitudni | Aktar ma jgħaddi ż-żmien u toqrob il-ġurnata tal-Milied, it-tfal aktar iħossuhom qrib ta' Ġesù. Għalhekk ikellmuh aktar bil-qalb. | |
| | | |
| 5.5 | L-istorja tal-Milied | 5.4 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. 1. Jirrevedu episodji importanti fil-ġrajja tal-Milied.<br>2. Jisimgħu u jaraw l-Istorja tal-Milied. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Jitgħallmu l-kanzunetta 'Hush! There's a baby'. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Marija qalet 'iva' għax laqgħet lil Ġesù.<br>2. Ġesù twieled ġo għar fqir.<br>3. L-ewwel nies li marru jqimu lil Ġesù kienu nies mill-aktar sempliċi.<br>4. Dan ifisser li Ġesù twieled għal kulħadd u dan għamlu biex immorru l-ġenna. | |
| L-Attitudni | Dan il-Milied it-tfal jagħżlu l-aktar affarijiet sempliċi u jagħtu aktar attenzjoni lit-twelid ta' Ġesù Bambin. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Kelma t'Alla** | **2 lezzjonijiet** |
| **5.6** | **X'lejl sabiħ kien!** | **5.5** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jifhmu l-irwol importanti tar-rgħajja.<br>2. Jifhmu li Ġesù twieled kemm għas-sinjur u kemm għall-fqir.<br>3. Jifhmu l-importanza li titlaq kollox warajk biex tqim lil Ġesù. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ir-rgħajja ħallew kollox warajhom biex imorru jfittxu lil Ġesù.<br>2. L-ewwel nies li marru jqimu lil Ġesù kienu nies mill-aktar sempliċi.<br>3. Dan ifisser li għalkemm Ġesù huwa persuna importanti, huwa twieled għal kulħadd. | |
| L-Attitudni | It-tfal jagħmlu sforz li dan il-milied ser jagħtu ħafna attenzjoni lil Ġesù u inqas attenzjoni l-affarijiet materjali (eż rigali, parties eċċ) avolja dawn huma sbieħ ukoll. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 5.7 | Ġesù jitwieled bħalna | 5.6 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jiddiskutu kif ser jilqgħu lil Ġesu f'dan il-Milied.<br>2. Jifhmu kif ser jagħmlu biex lil Ġesù jitwieled f'qalbhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta tkun qed tagħmel il-ġid ma' xi ħadd tkun qisek qed tagħmlu ma' Ġesù.<br>2. Ġesù jieħu ħafna gost meta aħna nuru l-imħabba tagħna lejn xulxin u ngħinu fejn ikun hemm bżonn.<br>3. Meta aħna nagħtu l-għajnuna nħossuna ferħanin daqs li kieku qlajna xi rigal. | |
| L-Attitudni | 1. Dan il-Milied it-tfal jippreparaw biex jilqgħu lil Ġesù f'qalbhom.<br>2. Dan il-Milied jaħsbu kif ser jgħinu lill-oħrajn b'imħabba u b'ġenerożità.<br>3. Dan il-Milied jingħaqad ma' sħabhom biex iferrħu lil ħaddieħor. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika | Lezzjoni waħda |
| 5.8 | Il-Milied f'pajjiżi oħra | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jitgħallmu kif jiġi ċċelebrat il-Milied f'pajjiżi qrib u oħrajn.<br>2. Jiġu konxji tal-fatt li għalkemm il-Milied jiġi ċċelebrat b'mod differenti, ir-raġuni trid tkun l-istess – it-twelid ta' Ġesù Bambin. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. F'pajjiżi oħra madwar id-dinja l-Milied jiġi ċċelebrat b'modi differenti.<br>2. Il-Milied jista' jiġi ċċelebrat b'mod differenti pero' l-iskop irid jibqa l-istess: it-twelid ta' Ġesù Bambin. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħna rridu ninkludu lil Ġesù. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal jagħrfu kemm hu sabiħ li huma u oħrajn madwar id-dinja qegħdin jiċċelebraw b'modi differenti f'dan iż-żmien tal-Milied. L-iskop taċ-ċelebrazzjonijiet hu l-istess: il-ferħ tat-twelid ta' Ġesù Bambin. | |
| | | |